Kunsill Lokali Fontana

Minuti tal-11 laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Ħamis, 23 ta' Jannar, 2014 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet f'5.30 pm.

Preżenti għal-laqgħa:

| | |
|---|---|
| Saviour Borg | Sindku |
| Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Horace Micallef | Kunsillier |
| Mario Mercieca | Kunsillier |
| Victor Cefai | Viċi-Sindku |
| Amanda Abela | A/Segretarju Eżekuttiv |
| Cherise Cutajar | Ambaxxatur |

1. **Talba**

Il-laqgħa bdiet b'talba mis-Sindku Saviour Borg.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 10, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mil-A/Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza mis-Sindku**

- Korrispondenza mill-MEPA biex jiġġedded il-permess taċ-Ċentru Ċiviku biex isir il-ħlas €175. Dan il-ħlas diġà sar mill-perit Gordon Vella.
- Restawr tan-niċċa – twaħħal il-permess tal-MEPA mal-ħajt tan-niċċa, u jidher li l-perita għamlet xogħolha u l-proċess miexi.
- Korrispondenza mill-MEPA bil-bilanċ tal-fond UIF - €467.68.
- Korrispondenza mill-GUG fejn se jagħmlu l-*Gozo week* fl-Università ta' Malta u qed jistiednu lill-Kunsill jipparteċipa.
- Kors offrut mill-AKL għal-kunsillieri u staff fuq *personal development training*.
- Taħdidiet għal-anzjani fil-lokalità – il-Kunsill qabel li jibagħtilhom *email* biex dawn isiru fil-sala tal-komunità, u l-Kunsill jdaħħal l-kera tas-sala.
- Ġew informati r-residenti li kienu applikaw għal kors tal-kompjuter li kien hemm applikazzjoni bil-kors tal-compjuter li ser isir mill-kumpanija TCTC bi sħab mal-Ministeru għal-Għawdex b'hekk il-kunsill iffranka aktar minn €1,100. Dawn ġew informati u saret l-applikazzjoni mill-kunsill f'isimhom.
- MEMO 34/3013 – tender għal-manutenzjoni tad-dawl fit-toroq fir-responsabilità tal-kunsill – il-kunsill qabel li jistenna t-tender biex toħroġ mill-Enemalta peress li d-dawl se jiġi devolut lir-reġjun.
- Saret il-ħarġa soċjokulturali kif maqbul mill-kunsilliera għal-festival taċ-ċitru fil-Palazz ta' Sant Anton u wara ħin liberu fil-bajja ta' Marsaxlokk – attendew 55 persuna, fosthom is-Sindku u l-kunsillier Horace Micallef.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

S. Borg

- Seduta tal-bord tal-appell dwar il-ġebla tal-qawwi fis-17 ta' Jannar 2014 – is-seduta ġiet diferuta għaliex is-Sindku kien marid.
- Is-Sindku qal li hemm bżonn li jinkines iż-żrar u t-trab fi-Triq il-Għajn (in-naħa ta' fuq) li nqala bix-xita u jsir *patching* bil-qatran, għalhekk għandha tintbagħat *e-mail* lid-Direttur Portelli u lil Lorry Apap fil-MGOZ u Horace se jieħu ħsieb li jinforma lid-Direttur Portelli personalment.
- Biex issir bankina quddiem ir-residenza 8, Triq l-Isptar San Ġiljan – tinbagħat *e-mail* lid-Direttur Portelli, u lil Works Manager Lorry Apap peress li din hi triq arterjali.
- Ġiet ippubblikata s-17 il-ħarġa tal-fuljett "Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek" u tqassam lir-residenti. Dan ġie ppreparat mis-Sindku, bl-għajnuna tal-iskrivana.
- Skrizzjoni mad-dahar tal-monument tas-sajjieda li issa ġie vojt peress li m'għadux mal-ħajt – il-Kunsill qabel li jitqabbad Fr. Bezzina biex jagħmel l-iskrizzjoni.
- Is-Sindku kellu komunikat mas-Sur Chris Attard mill-MEPA biex issir laqgħa miegħu għal-proposti tal-*local plan.*
- L-avukat Jean Paul Grech bagħat *e-mail* lill-Ministru għal Għawdex biex jara l-proċess fejn wasal fuq l-propjeta li hi prevista li tiġi ċ-ċentru ċiviku, peress li kienet tressqet mozzjoni għal dan il-għan. L-avukat ma rċieva l-ebda risposta għaż-żewġ *e-mails* li ntbagħtu f'Diċembru 2013 u Jannar 2014. Is-sindku qara l-proposti li kiteb l-Avukat Jean Paul Grech bħala gwida ta' x'għandu jagħmel il-Kunsill u qed jissuġerixxi li l-Kunsill jitlob biex jidħol parti fil-kawża tal-Qorti. Is-sindku qabel li jimxi fuq il-parir ta' Jean Paul Grech u l-Kunsill qabel ukoll. Dan peress li f'April li ġej din il-kawża ser tagħlaq disa' snin il-qorti u ilha tiġi differita minn Mejju li għadda.
- Il-Kumpanija Ellis bagħat kopja tal-*invoice* – is-sindku se jikkordina mal-perit Vella biex jitkejjel il-madum użat u jinbidel dak difettuż u joħrog iċ-ċertifikat biex tinqata' din il-kwistjoni.
- Kemm il-Green MT u kif ukoll il-Green Pak għalkemm mitluba kemm il-darba ma bagħtu l-ebda informazzjoni lil kunsill dwar x'qed joffru għal ġbir ta' l-iskart separat, biex ikun jista jsir kuntratt ma xi ħadd minnhom.
- Is-Sindku attenda għal laqgħa ta' Jannar tal-kumitat reġjonali għal Għawdex.
- Sar it-tqassim ta' 30 ikla lil anzjani li jgħixu waħedhom fl-okkażjoni tal-Milied. Dan sar mill-membri kollha tal-kunsill.
- Sar il-ħlas tal-paga ta' Christine Fenech bejn Diċembru 2012 u Ottubru 2013. Dan sar mid-dipartiment konċernat skond il-kuntratt.

## 4. <u>Ftuħ tal-Offerti</u>

4.1: Tender 02/2013: *Tender for collection of mixed household waste in an environmentally friendly manner.*

- Jason George Debrincat – €70/80 fil-ġurnata – Il-Kunsill qabel li t tgħaddi għand l-Engineer Francarl Galea biex jagħmel rapport lil-kunsill għal evalwazzjoni.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

S. Boy

4.2: Tender 03/2013: *To supply and install outdoor shock-absorption safety rubber tile floor at the outdoor gym/play area on the roof of the Fontana Local Council.*

- Mario Mallia – €3,008.00
- JGC Ltd – €3,379.30
- Forestals – €4,105.92
- M Quip Ltd – €4,253.50

Il-kunsill qabel li se jgħaddu għand il-perit Gordon Vella għal evalwazzjoni.

4.3: Tender 04/2013: *Supply, installation, operation and maintenance of energy efficient online streaming equipment for Fontana Local Council meetings.*

- l-ebda offerta.

## 5. <u>Performance Bonus tas-Segretarji Eżekuttivi</u>

Is-Sindku ppepara l-dokument tal-*performance apprail* tal-agent Segretarju Eżekuttiv u tas-Segretarju Eżekuttiv Louis Magrin.
Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jingħata 8% lis-Sur Louis Magrin unanimament. Dwar il-*performance bonus* tas-Sjr Amanda Abela, l-kunsillier Horace Micallef u is-Sindku is-Sur Saviour Borg qablu li tingħata 8% filwaqt li l-kunsilliera Mario Mercieca , Carmel Farrugia u l-Viċi Sindku Victor Cefai qablu li tingħata 9 %. Skont il-maġġoranza, sar qbil li jingħata 9%.

## 6. <u>Attendenza tal-Viċi Sindku, is-Sur Victor Cefai għal-laqgħat tal-Kunsill</u>

Is-sindku qara l-ittra li bagħtet lilu l-aġent Segretarju Eżekuttiv, li titratta l-proċedura tal-kunsilli lokali fuq l-attendenza tal-membri tal-Kunsill għal-laqgħat tal-Kunsill. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kunsill li il-Viċi Sindku ma jridx ħlas la ma attendiex għal laqgħat. Il-kunsillier Horace Micallef talab lil Viċi Sindku biex jippreżenta ċertifikat mediku, biex tiġi mħarsa l-liġi u l-post ma jiġi vakanti. Is-Sur Cefai ssotometta lill-A/SE ċertifikat tal-professur li jikkonferma l-każ ta' mard tas-Sur Cefai. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Cefai jiġi skużat għal-laqgħat tal-Kunsill u l-post tal-Viċi Sindku ma jiġix deklarat vakanti. F'dan il-ħin il-Viċi Sindku talab biex jingħata l-ħlas b'lura la l-post tiegħu ma ġiex vakanti. L-A/SE se titlob gwida mid-DLG fuq dan.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

S. Borg

7. **Bidu ta' proċess tal-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informat lill-preżenti li l-avviż għas-sejħa tas-SE se joħroġ nhar it-Tlieta, 28 ta' Jannar, u s-sejħa tkun miftuħa għal għaxart' ijiem tax-xogħol. Il-Kunsill qabel li l-bord tal-għażla jkun il-Kunsill kollu.

8. **Laqgħa tal-Lokalità**

Il-Kunsill qabel li din issir nhar l-20 ta' Frar, 2014 fil-5.30pm

9. **Mistoqsijiet:**

Horace:
- Żewġ Fanali fit-Triq il-Ghajn – is-Sindku kellem kemm il-darba lill-kuntrattur Richard Cauchi iżda għadhom ma wasslux minkejja li ta diversi dati meta ser jaslu, fosthom l-aħħar li kellhom jaslu qabel il-Milied.

Mario:
- Tabella tal-parkeġġ bl-arloġġ nieqsa fit-Triq Kappillan Hili – is-sindku se jieħu ħsieb li tiġi mwaħħla tabella.
- Ifformat toqba fil-*patching* fit-Triq Kappillan Hili – titranġa bl-aħjar mod possibbli.

Sindku:
- Bżonn ta' tiswija fuq il-ġebel tal-ħajt tas-sejjieħ tal-belvedere fit-Triq ta' Mulejja u l-ewwel bollard miksura tar-railing ta' ħdejn il-knisja.

10. **Materji Oħra**:

Horace Micallef
- Għadda ittra li irċieva mill-Għaqda Armar indirizzata lis-Sindku mill-Kappillan Can. John Muscat fejn dan qed jitlob biex tul il-festa ma jsirx armar ta' *hawkers* quddiem il-Knisja. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta, u l-*hawkers* tat-*toys,* li is-soltu jarmaw tnejn, jintramaw post ieħor. Skont il-Ligi, tal-qubbajt iżomm postu. Il-Kunsill qabel li fil-laqgħa li jmiss tintwera il-pjanta tal-*hawkers* skont kif kienu s-sena l-oħra biex titieħed deċiżjoni kif għandhom isiru din is-sena.
- Tlestiet l-bankina tas-Sur Zammit mic-CMU
- Tlestiet il-grada tal-ħadid fl-Għajn il-Kbira.

Carmel Farrugia
- Problema ta' sewqan perikoluż fit-Triq Kappillan Hili – l-A/SE qalet ukoll li l-Kunsill irċieva petizzjoni bil-firem tar-residenti ta' din il-Triq, fejn qed jitolbu biex isir xi camera li ti kkontrolla l-veloċità. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa ma' Ruben Said minn TM biex issir diskussjoni fuq dan il-fatt.



S. Borg

## 11. Tmiem il-laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fl-7.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 20 ta' Frar, 2013 fit-6.00pm.

Amanda Abela
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku